MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 31 ta' Jannar 2019**

Rikors Numru 25/2015

**Joseph Grech (16450G) ezercjenti n-negozju bl-isem id-ditta 'Grech's Central Stores'**

**vs**

**Charles Saliba**
**(691644M)**

Il-Qorti,

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-20 ta' Jannar 2015 fejn ir-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi l-attur jopera hanut tal-beigh tal-oggetti tad-dar.*

*Illi il-konvenut ghandu bilanc dovut lil-attur ta' sitt elef tlett mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€6356.35) rapprezentant xiri ta diversi oggeti tad-dar mill-hanut ta-attur, li mbaghad kienu jinbieghu mill-konvenut bit-teleshopping.*

*Illi minkejja diversi weghdiet, il-konvenut ma hallasx dan l-ammont dovut ta' sitt elef tlett mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€6356.35).*

*Illi konsegwentement l-attur jitob li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lill-attur is-somma ta' sitt elef tlett mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€6356.35) u l-imghax mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-hlas relattiv.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bil-procedura tal-166A numru 59/2014. Inti konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunt*

2. Ra ir-risposta ta' l-intimat **Charles Saliba** ippresentata fis-27 ta' April 2015 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difizi:

   *Illi fl-ewwel lok l-ammont mhux dovut u gahlhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur.*

   *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghal ragunijet li ser jkun dettaljatament spjegati fil-kors ta' din il-kawza.*

   *Salv eccezzjonijet ohra.*

## 2. Provi

1. Rat l-affidavit ta' **Joseph Grech**, **Rose Grech**, **Peter Grech** u **Louise Saliba**, lkoll ippresentati fil 5 ta' Settembru 2015 flimkien ma' statement dettaljat u serje ta' dokumenti imsejjha "*Invoice/Cash Sale*" in konnessjoni mal-kaz odjern.

2. Rat illi fit 18 ta' Jannar 2016 il-Qorti ddikjarat il-provi rikorrenti maghluqa.

3. Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Charles Saliba** moghtija fl-14 ta' Lulju 2016.

4. Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Charles Saliba** moghtija fl-14 ta' Novembru 2016, in kontro ezami, fejn ezamina l-Invoices esebiti mir-rikorrenti bejn fol 19 sa 52 tal-process.

5. Semghet ix-xhieda ultejruri in ri-ezami ta' l-intimat **Charles Saliba** moghtija fl-20 ta' Marzu 2017.

6. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Joseph Grech** moghtija fis-26 ta' Gunju 2017.

7. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Louise Saliba** moghtija fl-4 ta' Dicembru 2017.

8. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Charles Saliba** moghtija fid-29 ta' Jannar 2018.

9. Rat l-affidavit ta' **Angelo Debono** u **John Bonnici** ippresentati mill-intimati fil-5 ta' Marzu 2018.

10. Semghet il-kontro ezami ta' **John Bonnici** moghtija fil-5 ta' Marzu 2018.

11. Semghet il-kontro ezami ta' **Angelo Debono** moghtija fil-5 ta' Marzu 2018.

12. Semghet ix-xhieda ta' **David Brincat** moghtija fl-14 ta' Mejj 2018.

13. Rat illi fit 2 ta' Lulju 2018 l-intimat ddikjara illi ma kellux provi ohra x'jippresenta w li ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali bil-miktub.

14. Rat is-sottomissjonijet rikorrenti bil-mitkub ppresentati fl-4 ta' Ottubru 2018, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijet intimati bil-miktub.

15. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2018 l-intimat ma ppresenta ebda sottomissjonijet u gahlhekk il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghas-sottomissjonijet intimati.
16. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2019, l-intimat reggha ma ppresenta ebda sottomissjonijiet bil-mitkub u ghalhekk l-kawza giet differita ghas-sentenza.

17. Rat illi sa llum ma dahhhlet ebda talba sabiex jigu ppresentati sottomissjonjiet da parte ta' l-intimat u wisq anqas dahhlu sottomissjonijet da parte ta' l-intimat, u ghalhekk illum ser tghaddi ghas-sentenza.

### 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi r-rikorrent jiggestixxi hanut gewwa Ghawdex bl-isem ta' '**Grech's Central Stores**', fejn ibiegh 'household goods', 'gifts' u 'interiors'.

2. Jirrizulta mill-banda l-ohra, illi l-intimat jipproduci programm fuq l-istazzjoni televiziv Smash TV fejn jaghmel tele shopping fuq il-progrramm '**A To Z Teleshopping**'u jbiegh merkanzija minn fuq it-television lit-telespettaturi illi jkunu qed jaraw il-programm imtella mill-intimat.

3. Jirrizulta illi, avvicinat mill-intimat, ir-rikorrent ftehem ma' l-istess intimat illi jibda jghaddilu merkanzija illi huwa jkollu fil-hanut sabiex l-intimat jippromuovi u jbiegh fuq il-programm tieghu ta' teleshopping.

4. Jirrizulta illi l-arrangament kien illi r-rikorrent jipprovdi l-merkanzija lill-intimat sabiex tinbiegh fuq il-programm televiziv, u dik il-merkanzija illi ma kienetx tinbiegh kienet terrggha tintbghat lura lir-rikorrent filwaqt illi dik illi kienet tinbiegh mill-intimat, kien jithallas taghha r-rikorrent.

5. Jirrizulta illi l-ftehim sar ghal habta ta' Awissu 2013, u ma sar ebda ftehim bil-miktub bejniethon, u sar kollox bil-fomm.

6. Jirrizulta wkoll illi, bhala parti mill-arrangament illi kien hemm, regolarment persuni mqabbda mill-intimat, li kienu jkunu Ghawdex, kienu jmorru jigbru oggetti minghand ir-rikorrenti u kien jiffirmaw l-invoice illi kienet tinghatalhom filwaqt illi jhallu pagament akkont ghall-invoices precendenti.

7. Jirrizulta wkoll illi, f'mument minnhom, l-intimat talab konsenja akbar u r-rikorrent nizel Malta b'tali konsenja u halliha ghand l-intimat, izda, ghal din id-darba, ma giex iffirmat l-invoice stante illi, skond ir-rikorrent, kien nesa '*Delivery Book*' warajh.

8. Jirrizulta, skond ir-rikorrent, illi ftit wara din l-ahhar konsenja, l-intimat ma baqax jiehu oggetti minghand ir-rikorrent u ma baqax in kuntatt mieghu, ghalkemm ir-rikorrent kien qed jigri warajh sabiex ihallas il-bilanc.

9. Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi l-intimat qatt ma nnega illi kellu jhallsu, imma talab zmien biex ikun jista jhallsu.

10. Jirrizulta illi, eventwalment, ir-rikorrent baghat Ittra Ufficjali lill-intimat u, wara li l-intimat ikkontesta illi ebda ammont ma kien dovut, nieda l-proceduri odjerni.

## 4. Konsiderazzjoni mill-provi

1. Jirrizulta, mill-linja difensjonali ta' l-intimat, illi huwa kkontenda li ma kellu jaghti ebda somma lir-rikorrenti.

2. Jirrizulta, madanakollu, illi fix-xhieda moghtija mill-intimat fl-14 ta' Novembru 2016, huwa kkonferma illi, wara li kien ra l-varji invoices ippresentati mir-rikorrent, dawk l-invoices kollha li gew iffirmati minn John Bonnici u Angelo Bonnici kif ukoll dawk minnu ffirmati, huwa kien ser jonorahom, a differenza ta' dak illi stqarr fil-linja difensjonali tieghu.

3. Jirrizulta ukoll illi, fix-xhieda tieghu 20 ta' Marzu 2017, huwa jikkonferma illi ghandu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' madwar elfejn Euro (fol 116), liema somma huwa ma hallas ghax, kif jistqarr huwa stess "*ma tajthomlhomx ghax nghidlek il-verita' impikajt maghhom fuq li ghamluli*" (fol 117)

4. Jirrizulta, ghalhekk, illi skond l-Istatement ippresentat mir-rikorrenti a fol 18, l-unika zewgt invoices illi l-intimat ma kienx qed jaccetta kienu dawk invoices Nru 10502 077 tal-21 ta' Novembru 2013 fl-ammont ta' €538 (fol 20) u Nru 10810 712 tas-17 ta' Jannar 2014 fl-ammont ta' €4,063.38. (fol 32).

5. Jirrizulta, ghalhekk, illi mit-total tal-Invoices accettati mill-intimat, wara li jitnaqqsu l-pagamenti li jidher li ghamel l-itnimat a fol 18 u mhux ikkontestati, il-bilanc accetat mill-intimat huwa ta' €1,754.97.

6. Jirrizulta illi dwar iz-zewgt invoices fuq imsemmija, ossija dawk ta' €538 u €4,063.38 datati rispettivament 21 ta' Novembru 2013 u 17 ta' Jannar 2014, l-intimat jikkontendi illi huwa ma ghandu ebda indikazzjoni illi attwalment kienu inghatawlu, stante illi ma hemm ebda firma fuq l-invoice u huwa qatt ma kien jaccetta merkanizja minghajr ma jiffirma l-invoice.

7. Jirrizulta, madanakollu, illi r-rikorrenti ppresentaw invoices ohra taghhom ta' oggetti minnhom ikkonsenjati lill-intimat fejn, ghalkemm ma kien hemm ebda firma kemm ta' l-intimat u/jew ta' persuni ohra minnu mqabbda biex jigbru l-merkanzija, l-intimat kien kiteb fuq tali invoices il-kliem '*Paid*". Dana jirrizulta minn zewgt invoices, li gew esebiti a fol 37 u 41 tal-process fejn, kif jistqarr l-intimat stess fix-xhieda tieghu a fol 110 tal-process, fejn l-intimat ikkonferma illi, ghalkemm l-invoices ma gew iffirmati minn hadd, huwa kien accettahom u hallas ghalihom.

8. Jirrizulta, illi ghalhekk, l-argument ta' l-intimat ma hijiex wahda kredibbli, stante illi jirrizulta illi kien hemm varji okkazzjoniijet meta l-intimat accetta merkainzija minghand ir-rikorrent minghajr ma dina kienet iffirmata, u ta' tali merkanzija huwa kien hallas.

9. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi hija ferm aktar kredibbli illi l-intimat ma riedx ihallas lir-rikorrent bi tpattiha, u di fatti, fix-xhieda tieghu in kontro ezami moghtija fl-20 ta' Marzu 2017, huwa jistqarr illi "*minn warajja marru biex jehduli l-programm tieghi; marru jiddiljaw mas-sid ....*" (fol 113) u jkompli jghid "*Ma tajthomlhomx ghax nghidlek il-verita impikajt maghhom fuq li ghamluli. Ghax qatt ma bsarta jien li ser imorru min warajja dawn li biex jipprovaw jehduli l-programm*" (fol 117)

10. Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-intimat kellu tali intenzjoni mhux biss ghall dawk l-invoices illi kienu gew iffirmati u li, ghalhekk, huwa ma setax jirrifjuta l-esistenza taghhom,

izda wkoll ghall-invoice l-ohra illi ma kienux gew iffirmati u li issa l-intimat qieghed jichad li qatt ircevihom.

11. Il-Qorti hija konvinta illi r-rikorrent kien kkonsenja l-merkanzija kollha minnu indikata u, ghalkemm jirrizulta illi l-metodu adottat mir-rikorrenti fit-tmexxija tal-hanut w l-hrug tal-invoices relattivi huwa kemmxejn arkaiku ghallum il-gurnata, certament dana ma jfissirx illi l-merkanzija ma gietx kkonsenjata, kif qed jipprova jallega l-intimat.

12. Finalment, l-inkonsistenza ta' l-intimat, kemm fix-xhieda tieghu u, aktar u aktar, fil-fatt li fid-difiza tieghu jghid li ma ghandu jaghti ebda flejjes mbghad sussegwentement fix-xhieda jaccetta illi ghandu jaghti ammont ta' flus, ghalkemm mhux dak mitlub, ma jistax ma jwassalx lill-Qorti biex tiddubita mill-veracita' tal-fatti kif indikati mill-intimat u l-affidabilita' tieghu, u ghalhekk it-talba rikorrenti hija ben ippruvata.

## 5. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrent

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** t-talba attrici, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill intimat Charles Saliba ihallas lir-rikorrent is-somma ta' **sitt elef tlett mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€6356.35)**

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mis 27 ta' Gunju 2014, ossija d-data tal-Ittra Ufficjali Nru 59/14 (fol 54), sad-data tal-pagament effettiv, ikunu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur